# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Frar 2020**

**Kawza Numru: 5**
**Rikors Ġuramentat Numru:- 98/2016 JVC**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Elizabeth Vassallo, bil-polza u bil-Ligi, u l-istess Elizabeth Vassallo**

**vs.**

**Anthony Mizzi u Middlesea Insurance plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn is-socjeta` rikorrenti Citadel Insurance plc (C-21550) kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. ‘Illi fit-12 ta’ Mejju 2012 gewwa Hal-Lija, il-vettura proprjeta’ ta’ l-attrici Elizabeth Vassallo, bin-numru ta’ registrazzjoni STV-116 u assigurata mis-socjeta` attrici, kienet involuta f’incident awtomobilistiku ma’ vettura misjuqa mill-konvenut Anthony Mizzi, bin-numru ta’ registrazzjoni BUS-175, u assigurata mis-socjeta` konvenuta;

2. Illi tali incident sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja u/jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Anthony Mizzi;

3. Illi b’konsegwenza ta’ l-istess incident, is-socjeta` attrici hallset lill-attrici Elizabeth Vassallo is-somma ta’ Euro 18,800 rapprezentanti valur tal-vettura taghha, u l-istess socjeta` attrici zammet ir-wreck , u enventwalment l-istess socjeta` attrici rkuprat l-ammont ta’ Euro 2,200, mentri l-attrici Elizabeth Vassallo hallset l-ammont ta’ Euro 290 in linea excess;

4. Illi l-atturi inkorrew spejjez ohra, ammontanti ghal Euro 132.42 ohra, konsistenti f’Euro 32.98 spejjez ta’ survey report, Euro 82.45 dismantling fees, Euro 10.00 transfer fees, u Euro 6.99 spejjez ghar-Road Accident Report;

5. Illi ghalhekk, id-danni sofferti mill-atturi jammonta komplessivament ghal total ta’ Euro 17,022.42;

6. Illi l-atturi ghandhom dritt jitolbu ghall-kumpens ghad-danni minnhom sofferti bhala konsegwenza diretta ta’ l-incident de quo li ghalih jahti esklussivament il-konvenut Anthony Mizzi, u dan minghand il-konvenuti;

7. Illi debitament interpellati sabiex jaddivjenu ghall-hlas tad-danni, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghidu il-konvenuti ghalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni ohra neccessarja:

1. Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Mejju 2012 gewwa Hal-Lija bejn il-vetturi STV-116 u BUS-175 sehh unikament b'tort imputabbli lill-konvenut Anthony Mizzi;

2. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Middlesea Insurance plc, bhala assiguratur tal-konvenut Anthony Mizzi, ghandha twiegeb ukoll ghad-danni konsegwenzjali ghall-incident de quo;

3. Tillikwida, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' Euro 17,022.42, jew somma ohra verjuri;

4. Tikkundanna l-konvenuti ihallsu lill-attur l-ammont likwidat in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Gunju 2013, tat-12 ta' Gunju 2015, u bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Gunju 2013, kontra l-konvenuti, li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Dikjarazzjoni ta' l-Avukat Philippa Taylor East (ID: 415679M) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Citadel Insurance plc, debitament awtorizzata:

1. Illi fit-12 ta' Mejju 2012 gewwa Hal-Lija, il-vettura proprjeta` ta' l-attrici Elizabeth Vassallo, bin-numru ta' registrazzjoni STV-116 u assigurata mis-socjeta` attrici, kienet involuta f'incident awtomobilistiku ma' vettura misjuqa mill-konvenut Anthony Mizzi, bin-numru ta' registrazzjoni BUS-175, u assigurata mis-socjeta` konvenuta;

2. Illi tali incident sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja u/jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Anthony Mizzi;

3. Illi s-socjeta` attrici Citadel Insurance plc onorat l-obbligi taghha skond il-polza ta' l-assigurazzjoni mahruga favur l-attrici Elizabeth Vassallo, u llum qed tippretendi illi tirkupra d-danni li ghamlet tajjeb ghalihom in virtu` ta' l-istess polza ta' assigurazzjoni;

4. Illi nonostante li l-konvenuti gew interpellati anke b'ittri ufficjali biex jersqu u jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici, u l-assigurata taghha Elizabeth Vassallo, xorta wahda baqghu inadempjenti;

5. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

6. Illi dawn il-fatti nafhom personalment.'

Rat ir-Risposta Guramentata tas-socjeta` intimata Mapfre Middlesea plc et kif isegwi:

1. 'Illi l-intimati jichdu r-responsabbilta' ghall-incident li sehh fit-12 ta' Mejju 2012 gewwa Hal Lija peress illi l-istess incident sehh unikament minhabba t-traskuragni, imperizja u/jew n-non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Stephen Martin Vassallo, is-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni STV116 u proprjeta' tal-attrici Elizabeth Vassallo;

2. Illi ghaldaqstant l-ebda ammont m'ghandu jigi llikwidat favur l-attrici;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jridu jippruvaw d-danni realment subiti minnhom;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.'

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal datat 5 ta' Novembru 2019 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

## 1. Fatti:

Illi din il-kawza tirrigwarda kwistjoni ta' responsabbilita' f'kollizzjoni li sehhet bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni STV 116 misjuqa minn Stephen Vassallo, proprjeta' tal-attrici martu Elizabeth Vassallo, assigurata mas-Socjeta' attrici Citadel Insurance plc u l-vettura xarabank bin-numru ta' registrazzjoni BUS 175 misjuqa mill-konvenut Anthony Mizzi assigurata mas-socjeta' intimata Middlesea Insurance plc. L-incident in kwistjoni sehh nhar it-12 ta' Mejju, 2012 ghall-habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar bejn Triq il-Mosta u Triq il-Kbira f'Hal Lija hekk kif jidher mir-ritratt esebit a fol. 124 tal-process u l-iskizz redatt mill-pulizija a fol. 11 tal-process.

Illi mill-atti johrog li s-socjeta' attrici hallset bhala danni lill-assigurata taghha s-somma ta' tmintax-il elf u tmin mitt Euro (€18,800) rapprezentanti l-valur dikjarat tal-vettura STV-116, li jirrizulta li kienet vettura mahruga gdida bi ftit aktar minn tnax-il elf kilometru ta' sewqan, liema vettura konsegwenza tal-incident giet dikjarata 'beyond economical repair' mis-*surveyor* mqabbad mill-istess socjeta' attrici Natalino Agius (xhieda a fol. 189 et seq tal-process). Stante li s-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha (ara dokument a fol. 31), stante wkoll l-istess assigurata hallset minn butha s-somma ta' mitejn u disghin Euro (€290) rapprezentanti *excess* u wkoll stante li s-socjeta' attrici zammet ir-*wreck* u bieghet l-istess ghas-somma ta' elfejn u mitejn Euro (€2,200) hija qed titlob li din il-Qorti tiddikjara lill-konvenut Anthony Mizzi responsabbli ghall-incident u per conseguenza qed titlob li s-socjeta' assiguratrici intimata thallas lill-atturi is-somma komplessiva ta' sbatax-il elf, tnejn u ghoxrin Euro u tnejn u erbghin centezmu (€17,022.42). Effettivament fin-nota ta'

sottomissjonijiet finali taghhom l-atturi jirriducu l-ammont ghas-somma ta' sittax-il elf, disa' mija u disa' u tmenin Euro u erba' u erbghin centezmu (€16,989.44).

Illi da parti taghhom l-intimati filwaqt li ma jikkontestawx partikolarment l-ammont ta' danni pretizi, jikkontestaw bil-qawwa kollha r-responsabilita' tal-incident stante li jsostnu li dan sehh unikament b'tort tas-sewwieq assigurat tas-socjeta' attrici u ghaldaqstant jitolbu li din il-Qorti tichad it-talbiet kollha attrici.

**2. Provi**

Illi bhal ma jigri f'kazijiet simili din il-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi trid tarbel ferm il-verzjonijiet tal-partijiet dwar kif sehh l-incident kif ukoll komparati u mqabbla ma' provi ohra migbura dwar l-incident.

Illi fl-atti odjerni ix-xufier tal-vettura STV-116 jaghti l-verzjoni tieghu originarjament lill-Pulizija immedjatament wara l-incident kif ukoll ta x-xiehda tieghu fl-atti.

Illi fir-rapport tal-Pulizija esebit a fol. 5 et seq tal-process Stephen Vassallo jirraporta li:

*'kont qed ndur ha nitla lejn in-Naxxar. ta' l-Arriva kien niezel bi speed qawwi u bil-qatgha zammejt il-break u dahal fil-vettura tieghi.'*

Il-hsara dikjarata fir-rapport relattiva ghall-vettura misjuqa minnu hija kif isegwi:

*'bonnet, front bumber, front left wing, front right wing, front right wheel, left headlight, right headlight.'*

A fol. 83 et seq tal-process fix-xiehda tieghu jispjega d-dinamika tal-incident kif isegwi:

*'Kont gej min-nahha tal-Mosta, allura ghat-triq tan-Naxxar ghal fuq, u kif ezatt dort baqghet diehla din il-Bus go fiha. Nixtieq nghid li kienet niezla b'certu speed jigifieri; kienet niezla bi speed qawwi.'*

Filwaqt li jaqbel mal-posizzjoni tal-vetturi kif indikata fl-iskizz tal-pulizija jkompli jixhed:

*'kont ser indur jiena, giet din il-BUS 175 fuq in-naha tieghi b'certu element ta' velocita' u laqtitni.'*

Muri l-linja indikata fuq l-iskizz a fol. 11 tal-process jghid li dik *'hija l-linja l hem fit-triq, jigifieri ma tistax taqbizha . . . ma jidhirlix li kienet broken lane . . slowjajt biex nitla' il fuq, pero' sibtu ma' wicci. L-istint kien li naghfas il-brake pero' saret il-kollizzjoni jigifieri . . .'*

Ix-xhud immarka l-*ispot of impact* skont hu fuq l-iskizz a fol. 11 tal-process bl-ittra X li kif jidher tinsab fuq in-naha tal-*lane* tieghu qabel il-linja msemmija fix-xhieda.

Mistoqsi xi hsarat kien hemm fil-vettura misjuqa minnu jixhed:

*'iddeplowjaw l-airbags, kellu quddiem, il-mudguard, bonnet. Wara li sar is-service sirt naf li anke fic-chassis kien hemm xi hsara.'*

Mistoqsi xi hsara kellha x-xarabak jixhed:

*'kien min-naha ta' quddiem fuq il-lemin. U li kellu – kellu niftakar fuq in-naha ezatt fejn ikun id-driver, taht kien hemm qisu flap mad-daqqa din il-flap telghet.'*

Illi l-intimat Anthony Mizzi da parti tieghu fir-rapport li sar mal-Pulizija ta l-versjoni tieghu kif isegwi:

*'kont niezel minn nizla direzzjoni lejn birkirkara, rajt lil iehor ha jdur ghall fuqi u ghafast il-break u hbatna.'*

Fix-xiehda tieghu fl-atti a fol. 111 et seq fil-partjiet saljenti u rilevanti jixhed kif isegwi:

*'Kont niezel min-nizla tan-Naxxar ta' fejn il-Higher School 'l isfel li tigi ghat-triq tal-Mosta . . . Kont ghaddej bejn 8 u 11 kilometers . . . ghax kont qed inwaqqaf biex nieqaf fit-triq qabel nohrog . . . kif kont qieghed hawn, kwazi wasalt biex nieqaf, f'daqqa wahda fegget karozza . . . rajt u smajt hsejjes ta' tyres qawwijin, qisu xi hadd gej bi speed, jien ghamilt hekk ghax bqajt li se tigi fuqi. Gholljet idi ma' wicci ghax hsibtha li se tidhol minn gol-windscreen. Bil-qata' li hadt ghollejt idi biex nipprotegi ghax hi habtitli mal-genb in-naha tax-xufier u bid-daqqa ukoll qalghetli l-mera tal-bus u nqtajt ghax gietni fil-genb . . . Hawn kont qed nieqaf jien u imbaghad gie fil-genb tieghi, habat mal-genb u mal-mera, jien ghollejt idi biex nghatti wicci ghax bzajt, rajt il-mera ttir, u imbaghad waqaft safely ghax kelli n-nies mieghi. Ma stajtx naghtihom brake lin-nies u nsabbathom mal-windscreen. Anke jekk tkun ghaddej bi speed bil-mod jekk taghfas f'daqqa peress li air brakers, torbot mill-ewwel u tieqaf, Imbaghad waqaft safely hawnhekk. '*

Ikompli jixhed li skont hu vettura li kienet gejja mid-direzzjoni tal-vettura ta' Stephen Vassallo:

*'x'hin tigi minn Triq il-Mosta ghal hemm fuq, Triq il-Kbira Naxxar, irid jieqaf u jaghtiha cans tinzel minn din il-bicca l-karozza ghax ikella ma jghaddux zewg karozzi flimkien.'*

Ikompli jispjega fix-xiehda tieghu li bejn il-vettura misjuqa minnu u t-tarf tat-triq fuq in-naha tax-xellug tieghu hemm biss:

*'xi nofs metru. U ma tistax tersaq aktar mal-hajt ghax hemm is-sigar u johrogu ghal got-triq.'*

Dwar il-wisa' tat-triq aktar l' isfel fil-kontro-ezami jghid li fejn sehhet il-habta m'hemmx wisa' bizzejjed biex jghaddu zewg karozzi b'mod komdu ghax hemm xi sigar il-barra u hajt tas-sejjieh. Dan jerga jinsisti fuqu diveri drabi aktar l-isfel fil-kontro-ezami.

Il-konvenut ikompli jixhed illi Stephen Farrugia hekk kif huwa staqsih kif dahal fih (cioe' fil-konvenut) qallu:

*'bix-xemx ma rajthiex.' Ghax hemmhekk tigi x-xemx min-naha ta' fuq u jekk tkun tiela' gieli ma tarax sew bix-xemx..'*

Fuq dan il-punt in kontro-ezami jikkonferma li ma qalx lill-pulizija dak li allegatament qallu Stephen Vassallo u jbiddel il-verzjoni u jghid li ma kienx hdejh izda 'semghu mill-boghod.'

Mistoqsi dwar l-*ispeed* tal-vettura l-ohra jghid:

*'il-karozza gie fid-dawra b'sahha jien smajt 'eeeeeq' u baqa diehel fil-genb. Ma stantx nersaq . . . Le ma waqafx. Taghni d-daqqa. Anke l-bus hassejtha.*

Fil-kontro-ezami jinsisti li l-vettura l-ohra huwa raha ezatt qabel il-habta. Fuq linja ta' mistoqsiji dwar ghalfejn ir-roti ta' wara tal-vettura misjuqa minnu jinsabu kwazi mal-linja jinsisti li huwa qatt ma qabez il-linja, jinsisti li huwa cert li dejjem kien 'within the line' anki meta mistoqsi li l-parti l-kbira tad-'debris' kienet tinsab fuq in-naha l-ohra tal-linja (cioe' fejn kien qed isuq Stephen Vassallo) u jixhed li biex habtet fih il-vettura l-ohra bilfors li qabzet il-linja ghalkemm mkien ma jixhed li effettivament rah jaqbez il-linja. Finalment meta mistoqsi dwar il-posizzjoni tal-vettura ta' Stpehen Vassallo kif tidher fl-iskizz kif ukoll fir-ritratt a fol. 124 jixhed li l-vettura ta' Vassallo 'regghet lura'.

Fuq id-dokument esebit a fol. 121 li huwa *aerial photo* tas-sit tal-incident il-konvenut Mizzi jindika bi vlegga wahda fejn kien hu u liema direzzjoni kien sejjer, minn fejn kienet gejja l-vettura l-ohra u bl-ittra X fejn skont hu sehh l-impatt.

Il-Qorti rat ukoll ix-xiehda ta' WPS Maria Scicluna a fol. 61 et seq tal-process fejn din ikkofermat illi kieku fuq il-post kien hemm xi *brake marks* hija kienet ser tindikahom fuq l-iskizz. Jirrizulta mill-iskizz la ma hemm l-ebda *brake marks* immarkati.

**3. Ikkunsidrat ulterjoment**

Illi mill-provi kif suesposti jirrizulta li s-sewwieqa finalment ma jaqblux f'dik il-parti dwar l-incident u cioe' dwar min invada l-karreggjata ta' min. Ta rilevanza hu li fir-rapport moghti lill-

pulizija hadd mill-partijiet ma dahal f'dan id-dettal ghall-kuntarju tax-xhieda taghhom fl-atti fejn it-tnejn jallegaw li l-parti l-ohra nvadiet il-karreggjata tal-iehor. Il-Qorti izda rat l-iskizz esebit a fol. 11 tal-process li mill-atti jidher li z-zewg sewwieqa nvoluti qablu mieghu u minn liema skizz il-vettura STV 116 tidher ferm entro l-linja tal-karreggjata taghha filwaqt li l-BUS 175 ghalkemm tidher fil-karreggjata taghha hija wieqfa f'posizzjoni angolari bil-parti ta' quddiem imdawra lejn ix-xellug tax-xufier u l-parti ta' wara kwazi tmiss mal-linja l-bajda.

Illi r-ritratt esebit a fol. 125 tal-process jitfa' aktar dawl dwar il-posizzjoni tal-vetturi wara l-habta. Il-Qorti tinnota li l-vettura STV 116 fil-fatt tinsab ferm il-gewwa mill-linja l-bajda li tidher fin-nofs tar-ritratt. Minn naha l-ohra x-xarabank ghalkemm fuq quddiem tidher maqtugha minn mal-linja fuq wara l-parti li tigi aktar il' fuq mir-rota ta' wara tidher li qieghda ezatt mal-linja l-bajda. Mill-istess ritratt jidhru l-hsarat tax-xarabank u parti sostanzjali tal-hsarat tal-vettura STV 116. Ta rilevanza hi li l-hsara tax-xarabank hija fuq quddiem fuq in-naha tal-lemin tax-xufier u tkompli fil-genb fejn jidher li kien hemm 'panel' li nqala u tela' l' fuq filwaqt li l-hsara fil-vettura STV 116 (kif tirrizulta ahjar ukoll minn dak dikjarat fir-rapport mal-Pulizija u mir-ritratti tas-surveyor) hija wahda estensiva fuq quddiem kollu tal-vettura tibda mill-'front left wing' u tkompli estensivament fil-bonnet kollu u lejn il-lemin sar-rota tal-lemin.

Illi ghal dik li hija konsistenza u kredibilita' fil-verzjonijiet moghtija din il-Qorti tqis li Stephen Vassallo, sewwieq tal-vettura STV 116, kien aktar konsistenti fix-xhieda tieghu mill-konvenut.

Fil-fatt Vassallo dejjem insista li x-xufier l-iehor kien gej b'certu 'speed' anki a tempo vergine u dan jevidenzjah ukoll il-fatt li l-intimat jammetti li ma waqqafx il-vettura tieghu mill-ewwel. Li kieku kien minnu li l-intimat kien qed isuq il-vettura b'velocita baxxa ferm ta' bejn tmien kilometru u hdax-il kilometru fis-siegha kif isostni fix-xiehda tieghu l-Qorti tqis li ma kienx ikollu l-problema li jwaqqaf il-vettura hesrem aktar u aktar meta jixhed li kien kwazi waqaf. Huwa inverosimili wkoll li filwaqt li skont l-intimat huwa nhasad u ghattha wiccu minn naha l-ohra qaghad jibbrejka bil-mod sakemm waqqaf ix-xarabank bil-manjiera kif xehed.

Illi in oltre ghalkemm kien biss fix-xiehda fl-atti li Stephen Vassallo semma li l-vettura l-ohra giet fuq in-naha' tieghu din ix-xiehda ma gietx kontradetta b'xi tip ta' kontro-ezami mill-parti l-ohra fl-atti.

Il-Qorti rat ukoll li Anthony Mizzi, fix-xiehda tieghu ghall-kuntrarju tal-verzjoni moghtija *a tempo vergine* jelabora ferm dwar kif sehh l-incident tant li jixhed li sema' lill-parti l-ohra tghid li ma ratux minhabba x-xemx izda l-verzjoni dwar kif effettivament semghu jghid dan il-kliem tinbidel f'temp ta' ftit linji. Il-Qorti tinnota wkoll l-insistenza tal-konvenut, daqs li kieku jrid jiggustifika ruhu ghalfejn kien qed isuq il-barra, li t-triq ma taghtix wisq lok ghal manuvri minhabba li hi dejqa stante li fi kliemu hemm hajt tas-sejjieh u s-sigar.

Illi l-Qorti wkoll wara li gharblet il-hsarat fil-vetturi rispettivi, hija konvinta sal-grad rikjest mil-ligi illi kieku l-vettura ta' Stephen Vassallo invadiet il-karreggeta tal-intimat filwaqt li huwa kien ghaddej dritt fil-'lane' tieghu (kif qed jallega l-intimat), sabiex il-

vettura misjuqa minn Vassallo ssoffri l-hsarat li jirrizultaw din kienet bilfors tigi mbuttata mill-istess xarabank il' quddiem u mhux kif qed isostni l-konvenut li tkompli titkaxkar mal-genb tal-vettura u timmolla lura fil-kareggata taghha. Aktar u aktar dan ma jaghmilx sens li kieku wiehed, ghall-grazzja tal-argument, kellu jemmen il-verzjoni tal-konvenut li huwa ma ghamel l-ebda manuvra u ma dawwarx il-vettura misjuqa minnu lejn ix-xellug malli sehh l-incident. Kieku kien hekk il-vettura misjuqa minn Vassallo kienet tispica quddiem ix-Xarbank u mhux fil-genb tieghu u l-quddiem taghha kien jigi mdawwar ihares lejn Triq il-Mosta.

Illi din il-Qorti tqis li in vista tal-hsarat fil-vetturi u tac-cirksutanzi kollha tal-kaz kif rizultanti fl-atti huwa aktar verosimili li fil-hin li Stephen Vassallo dahar ghal go Triq il-Kbira ix-xarabank misjuqa mill-intimat kienet invadiet almenu mill-parti ta' quddiem il-karreggjata ta' Vassallo (anki biex skont l-intimat jevita l-ostakli li hemm fil-genb), Vassallo malli dar sab ix-xarabank qed tinvadi l-karreggjata tieghu, din qabdet il-vettura ta' Vassallo mill-genb tal-bonnet tan-naha tal-xellug izda l-konvenut ghamel manuvra li dawwar lejn ix-xellug tieghu b'tali mod li l-vettura ta' Vassallo kompliet tkaxkar mal-genb tax-xarabank u waqfet fejn jidher fir-ritratt a fol. 125 tal-process. Din il-verzjoni hija korroborata wkoll mid-*debris* li jidher fl-istess ritratt a fol. 125 li bosta minnu jinsab fil-karreggjata tal-vettura STV 116 u jidher li gie mdawwar lejn id-direzzjoni li mxiet ix-xarabank qabel waqfet.

**4. Responsabbilta'**

Ghaldaqstant in vista tal-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti din il-Qorti tqis li r-resonsabbilta' tal-incident in kontestazzjoni

tinkombi kompletament fuq is-sewwieq tal-vettura BUS 175 u cioe' l-intimat Anthony Mizzi.

**5. Danni**

Illi kif gia accennat aktar il' fuq ma jirrizultax li effettivament l-intimati kkontestaw l-ammont ta' danni mitlub mir-rikorrenti fir-rikors guramentat taghhom. Nonostante dan izda l-istess rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom irrilevaw li mill-atti d-danni rizultanti kif sopportati mid-dokumentazzjoni esebita u mix-xiehda ta' Dr. Philippa Taylor East a fol. 46 et u Michael Borg Costanzi a fol. 81 et seq tal-process huma fis-somma ta' sittax-il elf, sitt mija disa' u disghin Euro u erba' u erbghin centezmu (€16,699.44). Il-Qorti ghalhekk tqis li huwa dan l-ammont li gie pruvat.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Mejju 2012 gewwa Hal-Lija bejn il-vetturi STV 116 u BUS 175 sehh unikament b'tort imputabbli lill-konvenut Anthony Mizzi;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Middlesea Insurance plc, bhala assiguratur tal-konvenut Anthony Mizzi, ghandha twiegeb ukoll ghad-danni konsegwenzjali ghall-incident de quo;

3. Tilqa' t-tielet talba u tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma komplessiva ta' sittax-il elf, sitt mija disa' u disghin Euro u erba' u erbghin centezmu (€16,699.44).

4. Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' sittax-il elf, sitt mija disa' u disghin Euro u erba' u erbghin centezmu (€16,699.44).

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti, nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-14 ta' Gunju 2013 u tat-12 ta' Gunju 2015. Bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Gunju 2013 sad-data tal-pagament effettiv.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Frar 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Frar 2020**